MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Numru. 1405/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Antonia sive Antoinette Mifsud Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Antonia sive Antoinette Mifsud Zahra**, ta' sittin (60) sena, mart Michael, bint il-mejjet John Zahra u l-mejta Lucy neé Buttigieg, imwielda San Pawl il-Bahar fil-11 ta' Dicembru 1951 u toqghod 39, 'Il-Bejta', Triq l-Ghammiel tal-Bejt, Mosta, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 82252(M), akkuzata talli:

1. f'Ottubru 2011 u fil-gimghat ta' qabel fil-kapacita' taghha ta' ufficjal jew impjegat pubbiku fi hdan il-Korporazzjoni Enemalta, fl-ezercizzju tad-dmirijiet taghha, ghamlet falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil fl-atti, fi skritturi jew f'firem jew billi dahhlet isem ta' persuna mhux vera jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu ga ffurmati jew maghluqa *ai termini* tal-Artikolu 179 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti *ai termini* tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "MC 4" – *a fol.* 24).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 183), il-Qorti appuntat lil Dr. Martin Bajada bhala espert tal-kalligrafija u dana sabiex jivverifika jekk il-firma ta' Ivo Galea li tinsab *a fol.* 40 saritx minnu jew le.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 (*a fol.* 227), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015, is-sottomissjonijiet finali tad-difiza (*a fol.* 228 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 8 *et seq.*) rigward l-investgazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li rraporta Ivo Galea (*Business and Strategy Manager* mal-Korporazzjoni Enemalta) fl-24 ta' Ottubru 2011 fejn certu Herman Miceli Demajo kien irraporta maghhom li allegatament kien garrab xi hsara minhabba *power surge* u talab kumpens ta' numru ta' *appliances*. Jghid li gie nfurmat li d-dmir tal-imputata kien li tikkalkula l-hsara u kemm ghandu jinghata kumpens Miceli Demajo. Ikompli jixhed fuq dak li gie nfurmat bih minn Ivo Galea meta skopra li firma li suppost kienet tieghu ma kienx effettivament iffirmaha hu. Jghid li Galea qallu li min kien irrefera l-*file* in kwistjoni lid-dipartiment tal-*accounts* kien mexxa kontra d-direttivi tieghhu. Jghid li Galea nfurmah li l-imputata ma kienitx ghamlet dak li kien qalilha biex taghmel fis-sens li tinforma lil Miceli Demajo li l-ammont kien ser jigi rivedut. Jghid li Galea kien preokkupat li l-imputata kienet iffalsifikat il-firma tieghu fuq il-*file* ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta. Jghid li l-imputata cahdet li kienet hija li ffirmat. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "MC 1" sa "MC 6" (*a fol.* 18 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li Galea ma kienx jaf minn iffirma minn floku. Jghid li huwa ma kellem lil hadd ghajr lil Francesca Galea fejn l-imputata allegat li l-*file* kien ghandha. Jghid li sa meta beda fil-kariga tieghu Ivo Galea, f'Jannar 2011, l-imputata kienet taghmel ix-xoghol wahidha u ma kienet *accountable* ghal hadd.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 208 *et seq.*), jaqbel li wara li *file* jigi processat mill-imputata, il-*file* jmur ghand id-dipartiment tal-*accounts*. Ghad-domanda jekk jafx li d-dipartiment tal-*accounts* u l-*Customer Care* qeghdinx f'bini differenti tal-Korporazzjoni Enemalta, wiegeb li ma jafx. Ikkonferma li ma jafx min ha l-*file* mill-*Customer Care* ghad-dipartiment tal-*accounts*. Jghid li ma nvestigax lill-messagiera li mexxew il-*file*. Ghad-domanda: *"Il-payment summary naqblu li l-payment summary kienet Antoinette Mifsud Zahra li taghmlu fil-claim?"*, wiegeb: *"Dak xogholha fil-fatt tapprova l-claim"* (*a fol.* 218).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Ivo Galea** (*Manager* mal-Korporazzjoni Enemalta – *a fol.* 8 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport li ghamel lill-Pulizija fl-24 ta' Ottubru 2011 rigward firma tieghu li giet iffalsifikata. Spjega kif dakinhar li ghamel ir-rapport kien gie nfurmat mid-dipartiment tal-*accounts* li kien hemm *file* fejn gie biex jigi mhallas klijent u ma kienx hemm it-timbru tieghu u ma kienx hemm il-*workings* ta' kif gie mahdum il-hsara. Jispjega li hekk kif ra l-*file*, li ngib lilu minn Noel Pace, mill-ewwel induna li l-firma li suppost kienet tieghu ma kienx ghamilha hu. Jispjega fiex jikkonsisti dan il-*file* u kif mis-sezzjoni tal-*Customer Care* jigi nvestigat jekk hux vera jew le kien hemm *power surge* fil-gurnata in kwistjoni. F'kaz li dan ikun minnu, jigu likwidati d-danni li jkunu saru lill-konsumatur. Ikkonferma li l-*file* in kwistjoni mertu tal-kaz odjern gie miftuh mill-imputata u li l-*claim* kienet saret minn Herman Miceli Demajo. Jispjega li qabel il-*file* jmur ghand id-dipartiment tal-*accounts*, il-*file* jkun irid jasal ghandu biex hu jivverifika li l-*workings* huma tajbin u b'hekk jigi approvat li l-konsumatur in kwistjoni jithallas l-ammont ta' danni li jigi likwidat. Jixhed li l-ewwel darba li l-*file* mar ghandu kien f'Awwissu [2011] fejn huwa ma kienx qabel mal-*workings* li kienu saru mill-imputata li kienet ikkalkulat d-danni f'certu ammont. Jghid li huwa qal lill-imputata u lil certu Francesca Galea (li kienet ghadha kemm giet ingaggata biex tassisti lill-imputata) fejn ma kienx qed jaqbel. Jghid: *"Ghidtilhom dawn huma hziena u ghandkom tirrivedu l-file lil Ms. Antoinette Zahra. Ukoll zball li kien hemm diga kienet ikkommettiet mas-Sur Herman Miceli Demajo li ser ittih din is-somma minghajr ma' l-file gie ghandi qabel. Mela hi diga kkommettiet u ghandha l-firma hawn tas-Sur Herman Miceli Demajo"* (*a fol.* 30). Jghid li Miceli Demajo kien gie nfurmat b'ittra. Jispjega li [fl-24 t'

Awwissu 2011] kien qal lill-imputata li kienet ghamlet zball li nfurmat lill-konsumatur li kienu ser jaghtuh id-danni kalkulati minnha u fejn hu ma qabilx maghhom. Jghid li lill-imputata qalilha wkoll biex terga' tahdem il-figuri u tinforma lil Miceli Demajo li kien hadu zball u li hu kien ser jinghata anqas mill-ammont li kienet infurmatu. Jghid li minn dakinhar li nforma lill-imputata b'dan sa meta d-dipartiment tal-*accounts* nfurmawh li ma kienx hemm il-*workings* ta' kif waslu ghall-ammont in kwistjoni li kellu jithallas Miceli Demajo huwa ma kienx ra l-*file* in kwistjoni. Jghid li meta ra l-firma li suppost kienet tieghu u nnega li kien ghamilha hu, kien hemm l-imputata li nnegat li kienet hi li ghamlitha. Jghid: *"Pero il-file movement fuq barra, kif il-file mar ghand il-finanzi, li hija "accounts payable" ["acc pay"] li tindika fl-ghaxra ta' Ottubru mmarkat hija mhux il-handwriting tieghi. Li jien jekk is-soltu bghattu jien il-file fuq barra fuq il-file movement naghmlu jien il-file movement. F'dan il-kaz mhux il-firma tieghi, mhux il-handwriting tieghi"* (*a fol.* 31). Jghid: *"Antoinette qaltli 'dik tieghi'. Ghidtilha 'mela kif mexa l-file ghand il-finanzi', qaltli, 'ma nafx'"* (*a fol.* 32). Jghid li l-ahhar moviment hija dik bil-kitba tal-imputata li ammettiet mieghu ukoll li hija taghha. Jghid ukoll li fl-10 ta' Ottubru 2011 huwa kien msiefer. Jixhed li Miceli Demajo baqa' ma hax kumpens peress li gie stabbilit li kien thallas mis-socjeta' tal-assikurazzjoni tieghu ghall-*items* li huwa kien talab minn ghand l-Enemalta. Jghid li hemm firma wahda li giet falsifikata. Ezebixxa l-*file* in kwistjoni li gie mmarkat bhala Dok. "IG 1" (*a fol.* 39 *et seq.*) u specifika li l-firma falsifikata hija dik li tidher *a fol.* 40 taht in-numru "4". Jghid li f'cirkostanzi simili, il-firma tieghu tkun tinsab hemmhekk ukoll u maghha jzid it-timbru u d-data. Jghid li f'dan il-kaz la hemm timbru u anqas data. Jghid li l-minuta (*a fol.* 40) dejjem tinkiteb mill-imputata. Jghid ukoll li fuq il-qoxra ta' barra tal-*file* jikteb *"accounts payable"* u d-data.

In <u>kontro-ezami</u> jaqbel li Francesca Galea kienet involuta f'dan il-process bhalma tkun involuta f'kull process iehor fejn jidhol *claims*. Jaqbel ukoll li meta jkun hemm *claim*, l-idejn principali jkunu tal-imputata peress li hi tiehu hsieb il-*claims* pero jkun hemm mdahhlin ukoll persuni ohra bhal Francesca Galea, Noel Apap u Chris Pace. Jghid li Noel Apap u Chris Pace jidhlu wara li hu jkun iffirma l-*file*. Jghid li hija l-imputata li taghmel il-*payment summary* u li Noel Apap jiccekkja l-affarijiet. Jghid li ma ra lil hadd jiffirma

minn floku. Jghid li fil-*file* hemm ukoll firma ta' Miceli Demajo li qed jaccetta l-figura li kienet bghatitlu l-imputata.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, xehed **Noel Apap** (*a fol.* 110 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa jahdem fil-Korporazzjoni Enemalta u jghid x'inhu xoghlu. Jghid li fir-rigward tal-kaz odjern gie ricevut *file* mill-*Customer Care* u fih sab karta nieqsa u cempel lil Ivo Galea biex jara jekk kienx hemm xi procedura gdida jew le. Jghid li l-*file* gie ricevut mill-imputata. Jispjega li Galea talbu jara l-*file* wara li qallu li fuqu kien hemm il-firma tieghu. Jghid li kif Galea fetah il-*file* qal li l-firma li tidher *a fol.* 40 bil-linka sewda ma kienitx tieghu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 199 *et seq.*), mistoqsi dwar is-sistema f'kaz li jkun hemm *power surge*, jghid: *"normalment is-sistema kienet li l-applikant imur il-Customer Care, hemm diversi nies il-Customer Care, imma mbaghad wara li jsir support payment summary u kollox jintbaghat il-finanzi mill-ufficjal li dak iz-zmien kienet Ms. Zahra"* (*a fol.* 199). Jaqbel li jkun hemm diversi persuni nvoluti. Fir-rigward tal-kaz ta' Miceli Demajo, jaqbel li l-*claim* ma kienitx maghluqa u dana peress li kien hemm il-*payment summary* nieqsa, minghajr liema dokument ma jsirx il-hlas. F'dan id-dokument ikun hemm isem u kunjom tal-individwu, indirizz fejn ikun jista' jintbaghat ic-cekk, lista ta' *appliances* li nharqu. Jghid li meta huwa jircievi *file* ghall-hlas, l-ewwel li jara huwa li jkun hemm *payment summary*. Jghid li huma jiccekkjaw id-*depreciation* wara l-*Customer Care* biex jaraw jekk il-*Customer Care* ikunx hadem id-*depreciation* skond iz-zmien tal-oggett. Jghid li f'kaz li kollox ikun jaqbel, jibda l-process biex il-konsumatur jircievi r-rifuzjoni.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Gottard Tabone** (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn qal x'kariga ghandu fil-Korporazzjoni Enemalta. Xehed fuq dak li rraporta Ivo Galea fir-rigward tal-firma in kwistjoni u dana *stante* li huwa (Tabone) huwa *manager* li jigi nfurmat f'kaz li jkun hemm pass ta' dixxiplina. Spjega kif jigu mhallsa l-konsumaturi li jkunu sofrew *power surge*. Wara li ra Dok. "IG 1" (*a fol.* 39 *et seq.*) identitifika liema hija l-firma li giet falsifikata.

In kontro-ezami kkonferma li huwa gie ghar-rikonoxxenza tal-*file* in kwistjoni u tal-allegata firma biss wara li graw l-affarijiet.
Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, xehdet ukoll **Francesca Galea** (*a fol.* 117 *et seq.*) fejn qalet li hija skrivana fil-*Customer Care* fl-Enemalta. Tghid li kienet ilha f'dan ix-xoghol minn Lulju 2011. Tiftakar li kienet ghadha kemm bdiet tahdem fil-*Customer Care* u li l-*manager* sejjah lilha u lill-imputata. Tghid li kienet ghadha ma tafx kif jimxu l-affarijiet u li l-*manager* riedha titghallem aktar. Tghid: *"il-bqija minn dakinhar 'l hemm mill-file ma kontx rajtu aktar jigifieri. F'dan il-meeting biss li kont rajtu l-file"* (*a fol.* 117). Tghid li hadd ma talabha taghmel xi haga fil-*file* ta' Miceli Demajo li hija gharfet bhala dak immarkat Dok. "IG 1" (*a fol.* 39 *et seq.*).

In kontro-ezami mistoqsija tghid kif inhu l-ufficcju fejn tahdem hi, wiegbet li hemm erba' persuni ohra li jirrispondu t-telefons jircievu l-ilmenti tan-nies, hemm persuna ohra u hemm hi. Tghid li kulhadd ghandu skrivanija ghalih u kompjuter ghalih. Tghid li kulhadd ghandu l-*cabinet* tieghu, uhud minnhom jissakkru, uhud le. Tghid li dan l-ufficcju ghandu tlitt entraturi u li biex jidhlu u johorgu mill-ufficcju ma jsakkrux bic-cavetta dawn it-tlitt bibien. Tghid li f'kaz li haddiem ikun qed jahdem fuq *file*, il-*file* ikun barra. Ghall-mistoqsija jekk hux minnu li l-imputata kienet taghtiha certu xoghol relatat mal-*claims*, fosthom tara li dak li jkun igibilha prova li dak kien jiswa tant, wiegbet: *"Iva. Pero aktar tard. Mhux dak iz-zmien igifieri"* (*a fol.* 119). Ikkonfermat li f'kaz partikolari kienu ntilfu xi ricevuti u kellhom jintraccjawhom.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 188) in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 183). Huwa ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB 2" (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn ikkonkluda li l-firma in kwistjoni li tinsab *a fol.* 40 ma saritx minn Ivo Galea.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014, xehed **Bernard Cauchi** (*a fol.* 223 *et seq.*) fejn beda milli qal li ghamel xi zmien jahdem fil-*Customer Care* fil-Korporazzjoni Enemalta u li spicca minn hemm madwar sena qabel. Jixhed li l-bini tal-*Customer Care* u l-bini tad-dipartiment tal-*accounts* huma tnejn differenti. Jghid li l-*files* minn post ghall-iehor jimxu tramite l-messaggiera. Jghid li f'kaz ta' *power surge*, kien jinfetah *file*, kienet tingabar l-informazzjoni go fih

mill-imputata, imbaghad il-process jimxi ghall-investigazzjoni. Jghid li l-imputata kienet ticcesja l-*invoices* jew ircevuti pero kienet tiddelega x-xoghol ukoll lill-istaff taghha. Jghid li mal-ircevuti jkun hemm ukoll dikjarazzjoni tat-*technician* jew *electrician* dwar il-*power surge*. Jghid li fl-ahhar kien isir *summary* dwar il-*power surge*, kienet tingabar l-informazzjoni kollha wara li kienet tigi verifikata mid-distrett. Jghid li kienet l-imputata li kienet responsabbli ghall-*payment summary*. Jghid li ma kien hemm hadd iehor li kien responsabbli. Jaqbel li din il-*payment summary* kienet tkun l-ahhar dokument li jsir mill-*Customer Care* qabel il-*file* jmur id-dipartiment tal-*accounts*. Jghid li d-decizjoni imbaghad tittiehed minnhom. Jghid li bhala *Customer Care* kienu jkunu madwar sitta. Jaqbel li mhux kulhadd kien ikollu ufficcju separat ghalih. Jghid li waqt li *file* ikun qed jinhadem mill-*Customer Care*, il-*file* jkun fuq l-iskrivanija ta' min qed jahdem fuqu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "MC 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat u hija ma haditx dan id-dritt (Dok. "MC 2" – *a fol.* 21), l-imputata qalet li mindu fetah il-*Customer Care* dejjem hi kienet tmexxieh. Spjegat li fil-kazijiet kollha dwar *claims* Ivo Galea ried li kollox jghaddi taht idejh. Rigward il-*file* ta' Miceli Demajo tghid hekk: "*gie il-kaz ghandi, ghaddejtu ghall-investigazzjoni u dan il-claim gie ggustifikat, u ghalhekk tlabnieh jibghatilna l-claims form u l-ircevuti necessarji u xi rapporti ohra tat-technicians, u wara li nhadmet il-payment workings bid-depreciation etc u l-file ghadda l-accounts payments through Mr. Ivo Galea. Nghid li qabel ma mar l-accounts payments, is-Sur Galea talab xi affarijiet ohra, li niftakar hu li ried xi karti ohrajn qabel ma' mar l-accounts. Il-file gie lura ghandi u tajtu l-iskrivana Francesca Galea biex iggib il-karti li kien talab Mr. Ivo Galea, kif fil-fatt ghamel u wara regghet ghaddiet il-file lili. Gara li wahda mill-karti li kont tlabtu qal li m'ghandux ghax kien tahom lil insurance, u allura gialdarba skoprjet li Demajo kien thallas tal-hsara li garrab minghand l-Atlas Insurance, madwar gimghatejn ilu, jien baghtlu ittra fejn infurmajtu li l-kaz tieghu ma' l-Enemalta ma ghadux validu ghaliex hu kien thallas minn ghand l-insurance*" (*a fol.* 19). Ikkonfermat li minuta erbgha [fuq pagna 40 tal-process] giet miktuba minnha. Tghid li kitbet din il-minuta

qabel is-Sur Galea kien qalilha biex iggib aktar karti. Tghid li Galea qatt ma qalilha biex iccempel lil Miceli Demajo u tinfurmah illi l-ammont kien gie rivedut u li kien ser jitnaqqas bil-fuq minn €400.00. Mistoqsija tghid min ghamel il-firma ta' Galea [fuq pagna 40 tal-process] wiegbet: *"Hu qed jghid li mhux hu ffirma"* (*a fol.* 19). Mistoqsija tghid jekk il-firma ta' Galea kinitx kif tidher f'minuta erbgha [f'pagna 40 tal-process] meta taha l-*file*, wiegbet fin-negattiv ghax kieku l-*file* kien imur dritt id-dipartiment tal-*accounts*. Tichad li l-firma in kwistjoni ghamlitha hi. Ghad-domanda: *"Jigifieri int qed tghid illi l-kalligrafija fejn hemm miktub il-file qed jigi riferut lil accounts payable bid-data tal-10 ta' Ottubru 2011, mhijiex tieghek?"*, wiegbet: *"Le dik mhux il-kalligrafija tieghi, ghalkemm tixbahha"* (*a fol.* 20).

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rapport tieghu (Dok. "MB 2" – *a fol.* 190 *et seq.*), Dr. Martin Bajada wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> "Illi, mill-analisi li sar bejn il-kampjun tal-firma ta' Ivo Galea u l-firma allegatament ta' Ivo Galea *a fol.* 40 tal-process, hija l-opinjoni tal-esponenti li bla ebda dubju, il-firma *a fol.* 40 ta' process ghandha forma, bixxra, xaqliba u tifsila kompletament differenti mill-firma fi kampjun Dok. "MB 1".
>
> Illi, mill-istess analizi, l-evidenza hija tali l-esponenti huwa tal-opinjoni li l-firma *a fol.* 40 tal-process ma saritx minn id Ivo Galea detentur tal-Karta tal-Identita' 116356(M))".

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata hija akkuzata b'imputazzjoni wahda u cioé dik li temergi minn Artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jiddisponi s-segwenti:

> "Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fis-sub-titolu ta' qabel dan, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu, jagħmel falsifikazzjoni b'firem foloz,

> jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi jdaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn […]".

Illi l-Qorti semghet x'gara in segwitu tal-fatt li Ivo Galea skopra li l-firma li suppost kienet tieghu effettivament ma kienx ghamilha hu. Jirrizulta pruvat ukoll li din il-firma in kwistjoni, cioé dik li tinsab *a fol.* 40, ma saritx minn Ivo Galea. Dan jirrizulta mir-rapport redatt mill-espert tal-kalligrafija nkarigat mill-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata lill-imputata hija vera u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi, minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni odjern huwa bbazat fuq provi cirkostanzjali. Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs. The Queen** [1952] AC 480, 489.

> *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that*

> *there are* <u>*no*</u> *other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference".* [emfazi mizjuda]

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci et**:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics".*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioé li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti:

- Il-*file* in kwistjoni gie miftuh mill-imputata.

- Hadd ma jirrizulta li ra lil xi hadd jaghmel il-firma in kwistjoni.

- Wara li Ivo Galea ma qabilx mal-*workings* mahduma mill-imputata, huwa nforma lill-imputata u lil Francesca Galea fejn ma kienx qed jaqbel.

- Skond Galea, hu ma kitibx il-kliem *"accounts payable"* [jew ahjar *"acc pay" – a fol.* 39] (li jindikaw li l-*file* ghandu jmur ghand id-dipartiment tal-*accounts* mill-*Customer Care*). Jghid li l-imputata qaltlu li dawn kitbithom hi. Meta l-imputata, fl-istqarrija rilaxxata minnha, giet mistoqsija tghid jekk dawn il-kliem kienux taghha, hi wiegbet: *"Le dik mhux il-kalligrafija tieghi, ghalkemm tixbahha"* (*a fol.* 20).

- Francesca Galea kienet involuta f'dan il-process bhalma kienet tkun nvoluta f'kull process iehor.

- Fl-ufficju tal-*Customer Care* rizulta li jkun hemm erba' persuni – kull persuna bl-iskrivanija u bil-kompjuter taghha. Kull persuna ghandha l-*cabinet* taghha. L-ufficcju ghandu tlitt entraturi li ma jissakkrux bic-cavetta kull darba li l-impjegati jidhlu u johorgu mill-ufficcju. F'kaz li haddiem ikun qed jahdem fuq il-*file*, il-*file* ikun barra.

- Jirrizulta li l-bini tal-*Customer Care* u l-bini tad-dipartiment tal-*accounts* huma tnejn differenti u li l-*files* minn post ghall-iehor jimxu tramite il-messaggiera.

- Galea jghid li l-imputata nnegat li hi kienet iffirmat minn floku. Fl-istqarrija (Dok. "MC 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxata minnha lill-Pulizija, l-imputata tichad li kienet hi li ghamlet il-firma in kwistjoni.

- Irrizulta li Miceli Demajo ma ha l-ebda kumpens peress li kien thallas mis-socjeta' tal-assigurazzjoni tieghu

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li kienet l-imputata li ffalsifikat il-firma ta' Ivo Galea. Minkejja s-suspetti li jistghu jippuntaw fir-rigward tal-imputata, u dana qieghed jinghad minhabba r-rwol li kellha fid-dipartiment tal-*Customer Care* u r-rwol taghha fil-*file* in kwistjoni, dawn jibqghu **BISS** suspetti. Il-Qorti semghet fejn *files* simili ghal dak in kwistjoni jinzammu fid-dipartiment koncernat u l-mod kif inhuwa kompost dan id-dipartiment u kif il-*files* jimxu minn dipartiment ghall-iehor. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Is-suspetti li wiehed jista' jkollu fl-imputata jizvanixxu fix-xejn wara li l-atti processwali **kollha** jittiehdu in konsiderazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputata hija hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputata u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputata mill-imputazzjoni dedotta kontra taghha. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputata Antonia sive Antoinette Mifsud Zahra hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------